# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2001

**Numru 46**

**Avviz numru 627/01DM**

**U.C.I.M. Company Limited**

**vs**

**Konrad Scotto**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz pemezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin lira maltija (Lm635), rapprezentanti import ta' sitt (6) kambjali, wahda ta' Lm105 u l-ohrajn ta' Lm106 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2001 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numru minn 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2001 kienu jammontaw ghal Lm12, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Rat ukoll in-nota tal-atturi li permezz taghha cedew is-sorte izda zammew ferm il-Kap tal-ispejjez;

Ghaldaqstant l-Qorti ssib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**A. Farrugia**

**Dep.Reg**

va